Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 539/2016

Il-Pulizja

Vs

Paul Bezzina

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Bezzina detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 595577M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> **F'isem id-Direttur Ġenerali (Dwana) u d-Direttur Ġenerali (Taxxi fuq il-Valur Miżjud)** talli fit-tmintax (18) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013), f'ismu propju u fil-kapaċita' tiegħu bħala kaptan tal-bastiment **MV Golden Dawn**, ġewwa l-port il-kbir fix-xatt ta' Mifsud Verandahs, mal-wasla tiegħu minn barra l-ibħra Territorjali ta' Malta bil-bastiment **MV Golden Dawn**, xjentement għamel dikjarazzjoni jew issottometta nformazzjoni lill-uffiċjali tad-Dwana fid-dokument IMO General Declaration fejn sussegwentement liema nformazzjoni nstabet falza f'partikolarita' sostanzjali fis-sens illi fil-kapaċita' tiegħu bħala kaptan meta fir-rapport magħruf bħala Pratka stqarr illi fi triqtu lura lejn Malta ma għamel l-ebda kuntatt u ma trakka mal-ebda bastiment ieħor, iżda minn stħarriġ irriżulta li filfatt kien għamel kuntatt u anke trakka ma' bastiment ieħor bl-isem **Sea Lioness MFB 1775**, liema

bastiment kien involut f'attivita' ta' kuntrabandu ta' sigaretti u dana bi ksur tal-artikoli 6(4) u 62(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 u l-artikolu 80 tal-att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (att nru. XXIII tal-1998).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 6(4) u 62(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 80 tal-Att Nru. XXIIItal-1998, sabet lill-imptuat hati tal-imputazzjoni dedotta – limitatament ghall-ksur tal-artikolu 6(4) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijet ta' Malta, u kkundannatu ghal piena tal-multa fis-somma komplessiva ta' elf ewro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:-

a) **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati għal ksur tal-artikolu 6(4) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-liġijiet ta' Malta u
b) **tħassarha** f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati taħt l-artikolu 62(m) tal-imsemmija Ordinanza u minflok ssibu ħati għal ksur tal-artikolu 62(m) u kemm –il darba din l-Onorabbli tilqa' dan l-umli appell terz mis-sitt mitt euro (€600) tal-multa kumplessiva għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana skont il-liġi ai fini tal-imsemmi artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali:

Illi konsegwentement fl-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena kurrenti, il-Kummissarju tal-pulizija ntavola nota fejn għarraf li kien bi ħsiebu jappella s-sentenza u sussegwentement l-għada cioe fil-ħdax (11) ta' Novembru l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu manifestament aggravat b'mod ċar in kwantu li l-Qorti ma sabitx lill-appellat ħati bil-ksur tal-artikolu 62(m) tal-Ordinanza tad-Dwana u dana għalkemm ikkundannatu multa kumplessiva;

Illi, skont l-ewwel Qorti kif ukoll skont ix-xiehda tal-**Logutenent Kurunell Andrew Mallia**, minn qari tas-sentenza appellata u mill-filmati li ġew esebiti deher evidenti li f'ħin minnhom iż-żewġ bastimenti għamlu kuntatt fiżiku u dehru jinħattu xi kaxxi minn fuq il-bastiment il-kbir, li aktar tard ġie ddentifikat bħal **Golden Dawn** għal fuq bastiment iżgħar bl-isem ta' **Sea Lioness**;

Illi b'referenza għad-dikjarazzjoni li għamel l-appellat, l-ewwel Qorti qalet li minn imkien ma hemm indikat li l-appellat bħala l-persuna responsabbli tal-bastiment **Golden Dawn** għamel kuntatt ma xi bastiment ieħor u saħansitra meta ġie mistoqsi jekk kienx għamel kuntatt ma xi bastiment ieħor irrisponda fin-negattiv;

Illi fil-kunsiderazzjoni tagħha l-ewwel Qorti qalet li minn qari akkurat tal-artikoli relatati mal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellat u fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali rriżulta li nhar it-tmintax (18) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013) mal-wasla tiegħu barra mill-ibħra territorjali, l-appellat naqas li jirraporta l-fatt li hu kien għamel kuntatt mal-bastiment **Sea Lioness** u meta ġie mistoqsi verbalment insista li dan il-fatt ma jiżvelax anzi huwa nnegah;

Illi appuntu huwa hawnhekk fejn l-esponent ma jaqbilx mal-ewwel Qorti għax ħarsa lejn id-diċitura tal-imsemmi artikolu 62(m) insibu li minn jagħmel xi dikjarazzjoni

jew jagħti informazzjoni li jkun jaf li tkun falza, appuntu hekk kif seħħ fil-każ odjern, għandu jinsab ħati fejn tal-inqas, meta ma jkun hemm l-ebda ammont ta' dazju magħruf bħal ma ġara fiċ-ċirkostanzi odjerni, jeħel multa ta' mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minnha titqies bħala dejn ċivili dovut lid-dipartiment tad-Dwana;

Illi appuntu fl-artikolu 62(m) jingħad li kull min:-

> *jagħmel xi dikjarazzjoni jew jissottometti xi dokument jew informazzjoni li bid-dehen tiegħu, tkun falza f'dettall sostanzjali, jew b'mod bla kont jagħmel dikjarazzjoni li tkun falza f'dettall sostanzjali, jew xjentement jew b'negliġenza jagħmel jew jagħti, jew ikun kaġun li ssir jew tingħata, xi dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lill-Kummissarju li ma tkunx veru f'xi dettall materjali….*

Għaldaqstant in vista tas-suespost, u dana b'kull dovut rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent jħossu ferm perpless kif l-ewwel Qorti waslet biex sabet ħtija limitatament fl-artikolu 6(4) u mhux ukoll taħt l-artikolu 62(m) tal-istess Ordinanza tad-Dwana meta t-tnejn li huma jitkellmu u jitrattaw informazzjoni li tingħata lill-Kummissarju li mhijiex veritjiera;

Illi in vista tas-suespost l-esponent isostni li ġaladarba l-ewwel Qorti kienet konvinta li filfatt l-appellat ta nformazzjoni falza fid-dikjarazzjoni tiegħu magħrufa bħala l-Pratka tant li sabitu ħati taħt l-artikolu 6(4) tal-Ordinanza tad-Dwana kellha ssibu ħati wkoll taħt l-artikolu 62(m) tal-istess Ordinanza u tati multa kumplessiva hekk kif filfatt indikat l-ewwel Qorti fid-decide tagħha.

Ikkunsidrat,

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali iressaq l-apppell tieghu mid-decizjoni impunjata billi hassu aggravat mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ghalkemm sabet lill-appellat hati ta'l-akkuza kif ikkontemplata fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, madanakollu ghaddiet biex illiberatu mir-reat ikkontemplat fl-artikolu 62(m) u dan billi fil-fehma taghha r-reat ma kienx jinkwadra ruhu f'din id-disposizzjoni tal-ligi minghajr madanakollu ma jigi indikat il-mottiv li wassal ghal tali decizjoni, ghalkemm legalment l-Ewwel Qorti ma kenitx marbut li taghti tali motivazzjoni.

Jargumenta l-Avukat Generali illi l-appellat mhux biss irrenda ruhu hati meta bhala kaptan tal-Bastiment 'Golden Dawn', fir-rapport tieghu bil-mitkub li huwa obbligat bil-ligi li jaghmel lill-awtorita tal-port mad-dahla tieghu gewwa Malta, naqas milli inizzel l-informazzjoni li meta kien ghadu 'il barra mill-ibhra territorjali Maltin huwa kien trakka ma' bastiment iehor bl-isem ta' 'Sea Lioness' fejn inhattet xi merkanzija ghal fuq dan il-bastiment, izda meta imbaghad mistoqsi biex jaghti tali informazzjoni mill-Kummissarju u dan billi kien jidher minn filmat mehud mill-Forzi Armati ta' Malta li kienu qed jiccirkolaw dik iz-zona illi fil-fatt sar dan il-kuntatt, l-appellat jibqa' jichad illi fil-fatt hekk kien sehh, biex b'hekk fil-fehma ta'l-Avukat Generali huwa gie hati ukoll tal-kummissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 62(m) tal-Ordinanza.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tqies illi l-Avukat Generali ghandu ragun, tant illi anke l-appellat tramite id-difensur tieghu fil-kors tat-trattazzjoni jikkoncedi dan il-fatt. Illi l-artikolu 62(m) tal-Kap.37 jaqra hekk:

*"Kull min, b'kontravvenzjoni ta' din l-Ordinanza jagħmel xi dikjarazzjoni jew jissottometti xi dokument jew informazzjoni li, bid-dehen tiegħu, tkun falza f'dettall sostanzjali, jew b'mod bla kont jagħmel <u>dikjarazzjoni li tkun falza f'dettall sostanzjali, jew xjentement jew b'negliġenza jagħmel jew jagħti, jew ikun kaġun li ssir jew tingħata, xi dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lill-Kummissarju</u> li ma tkunx veru f'xi dettall materjali ....".*

Illi l-parti sottolinjata minn din il-Qorti giet mizjuda bl-Att III ta'l-2013 liema ligi giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2013, meta allura l-akkuza odjerna tirreferi ghat-18 ta' Frar 2013. Dan ifisser allura illi kwalsiasi informazzjoni li kaptan ta' bastiment jaghti lill-Kummissarju, u allura mhux necessarjament tkun bil-miktub jew tkun tirreferi ghal xi tghabija ta' merkanzija, twassal ghar-reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Billi f'dan il-kaz ma kienx maghruf l-kontenut tal-merkanzija li inhattet u lanqas x'valur kienet billi r-reat kien wiehed limitat biss ghal informazzjoni falza dwar dak li sehh bara l-ibhra territorjali maltin, allura il-piena ghandha tkun dik tal-multa ta' mhux anqas minn €600 li terz minnhom jikkostitiwxxi dejn civili favur id-Dipartiment tad-Dwana.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-aggravvju ta'l-Avukat Generali jisthoqqlu akkoljiment.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, tghaddi sabiex tikkonferma s-sentenza impunjata fejn instabet htija fit-termini ta'l-artikolu 6(4) tal-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn l-appellat gie ikkundannata ghal hlas ta' multa ta' €1000, tvarjaha izda fejn huwa gie illiberat mill-htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 62(m) ta'l-imsemmija Ordinanza, u ghalhekk wara li rat l-imsemmi artikolu 62(m) tal-Kap.37, issib lill-appellat hati ukoll tar-reat ikkontemplat fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi u tikkundannah multa ulterjuri ta' €600 li terz minnhom huwa dovut bhala dejn civili lid-Dipartiment tad-Dwana biex b'hekk huwa irid ihallas multa komplessiva ta' €1600.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur